**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Nru: 141/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Glen Borg**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Glen Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 281675M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli nhar l-24 ta' Marzu, 2011, għal habta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00), bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' serq minn ġewwa garaxx numru 6 f' entratura numru 5, sitwata fi Triq Luigi Ellul, Attard, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (Eur 2329.37) u għad-dannu ta' Antoine Attard u Brian Cardona;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż mija u sittax–il ewro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (Eur 116.47) iżda mhux elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċentezmu (Eur 1164.69) u li saret għad-detriment ta' Antoine Attard u Brian Cardona;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement xtara jew laqa' għandu oġġetti misruqa li l-valur tagħhom ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94), u ċioe' numri ta' reġistrazzjoni JBM191 u BAF832, li kienu meħuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan

sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

4. U aktar talli fl-istess zmien u ċirkostanzi, f' diversi bnadi f' dawn il-Gzejjer, saq vettura bin-numru BBJ739 li ma kinitx liċenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kienx b' polza ta' assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;
5. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati b' diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Marzu 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għal-Ġudizzju tal-10 ta' Settembru 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b), (c), 263, 267, 278(1)(2), 279(b), 280(1)(2), 325(1)(c), 334, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundanatu għal tlett (3) snin priġunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal zmien sena minn meta jispiċċa jiskonta l-piena ta' tlett snin priġunerija. Ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub mir-Reġistratur tal-Qorti, iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti, is-somma ta' elf mija u tletin ewro u erbgħa u erbgħin ċentezmu (€1130.44c), liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f' dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appellant, Glen Borg, ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2017, fejn talab lil din l-Qorti tħassar, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah mill-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Bla preġudizzju għat-talba ta' dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ħtija, f'każ li din il-Qorti issib xi ħtija a rigward tiegħu, l-appellant talab ukoll li jingħata piena aktar xierqa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat it-talba magħmula mill-appellant nhar l-14 ta' Marzu 2019 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat li l-Avukat Ġenerali, nhar l-20 ta' Marzu 2019, oppona għal tali talba magħmula mill-appellant u dana stante illi l-istess appellant ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 8(2)(c) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda ta' Dr Anton Ellul, Gordon Grech, Noel Cassar, Helenio Galea u Dr Sarah Farrugia.

Rat illi permezz ta' digriet datat is-6 ta' Jannar 2021, il-Qorti laqgħat din it-talba mressqa mill-appellant u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537.

Semgħet ix-xiehda ta' Joanna Buhagiar Fiott, rappreżentant tal-Bord u ta' Gordon Grech, Uffiċjal tal-*Probation*, fejn it-tnejn spjegaw li l-appellant, wara li kien wera progress konsiderevoli, kien reġa qabad it-triq il-ħazina u di fatti reġa' beda jabbuża mid-droga kokajina u erojina u waqaf imur għall-appuntamenti tiegħu mas-Sedqa u mal-*Probation Officer*.

Rat il-konklużjoni tal-Bord milħuqa nhar is-7 ta' Marzu 2023, li ddikjara li qed jagħlaq il-każ tal-appellant Glen Borg b'mod negattiv u dana stante li l-istess Bord ma kienx sodisfatt bil-progress ta' rijabilitazzjoni ta' l-istess appellant.

Rat illi, in vista tas-suespost, il-Qorti nhar it-28 ta' Lulju 2023, għaddiet sabiex tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-uniku aggravju mressaq mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan fir-rigward ta'l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, billi fil-fehma tal-appellant huwa kien misjub ħati erronjament għal dawn l-imputazzjonijiet. Issa huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha ezebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-aggravju imqanqal mill-appellant jistħoqqlux akkoljiment.[1]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni bit-tentattiv ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' €2329.37. Illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija għal din l-imputazzjoni wara li irriżultalha mill-provi mismugħa illi l-appellant inqabad fil-fatt jipprova jisgassa bieb ta' garaxx minn pulizija li nzerta igħix fl-istess triq. L-appellant, iżda, huwa tal-fehma illi din il-konsiderazzjoni ma kenitx suffiċjenti ai fini ta' reita', iktar u iktar meta l-espert forensiku ikkonferma li ma kien hemm ebda impronti diġitali misjuba fuq ix-xena tar-reat li kienu jaqbblu mal-marki tas-swaba tiegħu.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, jirriżulta illi nhar l-24 ta' Marzu 2011, PC 1606 Robert Vella talab l-assistenza tal-Pulizija Eżekuttiva għaliex kien arresta persuna, ċioe' lill-appellant. Dan seħħ meta filwaqt li PC 1606 kien qiegħed id-dar tiegħu sema' lil kelba tiegħu tinbaħ u meta fetaħ il-bieb ta' barra innota lill-appellant

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

ħiereġ mid-*drive in* tal-garaxxijiet biswit ir-residenza tiegħu. L-appellant kien miexi b'pass mgħaġġel u b'rasu mgħaddsa u billi għall-kuntistabbli 1606 din l-imġieba dehret suspettuża huwa ddeċieda li jsegwieh. Ħin minnhom, PC 1606 tilef lill-appellant mill-viżta tiegħu u għalhekk iddeċida jinżel fl-ewwel *drive-in* tal- garaxxijiet li hemm fl-inħawi. Hemmhekk sab lill-appellant iċekċek b'xi ħaġa tleqq f'idu mas-serratura ta' wieħed mill-garaxxijiet. PC 1606 identifika ruħu bħala Pulizija u l-appellant daħħal il-*gripper* tal-fidda li kellu f'idejh fil-but ta' quddiem tal-qalziet tiegħu. Meta PC 1606 staqsieh x'kien qed jagħmel, l-appellant beda jlaqlaq u l-ewwel qallu li kien qed ifittex garaxx għall-kiri, mbagħad qallu li kien nizel hemm isfel sabiex jagħmel il-bzonnijiet naturali tiegħu. Mill-investigazzjonijiet li għamel PC 1606 huwa wasal għal konkluzjoni illi din il-verżjoni mogħtija lilu mill-appellant ma kellhiex mis-sewwa u allura ipproċeda għall-arrest tal-appellant u sejjaħ għall-assistenza tal-kollegi tiegħu sabiex ikomplu bl-istħarriġ. Fil-fatt irriżulta li l-garaxx li ħdejh inqabad l-appellant mill-kuntistabbli 1606, kellu s-serratura sgassat kif ukoll il-katnazz migruf. *In oltre*, fuq il-persuna ta' l-appellant instabet ukoll ċavetta ta' vettura, li l-appellant stess stqarr li kienet tiegħu u meta saret tfittxija f'din il-vettura, instabu zewġ tarek ta' reġistrazzjoni li kienu filfatt rappurtati bħala misruqa.

Illi l-appellant jikkontendi li ġialadarba l-impronti diġitali meħuda minn fuq ix-xena tar-reat ma qablux mal-marki tas-swaba tiegħu, allura huwa ma seta' qatt jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Illi dak li donnu jinsa l-appellant, iżda, huwa illi nqabad minn uffiċjal tal-Pulizija *in flagrante delicto* bil-*gripper* f'idejh ħdejn garaxx li wara rriżulta li kellu is-serratura sgassata u l-katnazz migruf. Mit-tifittxija li saret fil-vettura li kienet qed tintuża minnu bin-numru ta' reġistrazzjoni BBJ739 nstabu zewġ tarek bin-numri JBM191 u BAF832 li kienu rappurtati misruqa fit-08 ta' Marzu 2011 minn Triq Birbal, Hal Balzan. *In oltre*, meta xehed *viva voce*, l-appellant ma ta l-ebda spjegazzjoni raġonevoli u plawsibbli dwar il-mottiv li wassal sabiex ikun fuq ix-xena tar-reat fil-mument li kien interċettat mill-pulizija. Jgħid li ftit tal-ħin qabel kien lemaħ xkora u baskett mal-art fit-triq meta kien qed isuq, f'liema baskett kien hemm ġakk u *suspension* ta' karozza. Huwa kien ġabarhom u kompla jsuq imbagħad waqaf sabiex jagħmel il-bzonnijiet naturali tiegħu ġewwa il-*basement* fejn

ġie arrestat. Illi l-inattendibbililta' ta' din il-verżjoni hija evidenti meta imqabbla mal-movimenti li PC 1606 innota li kien qed jagħmel l-appellant meta dan lemħu jħuf anke fil-garaxxijiet ta' ħdejn ir-residenza tiegħu u fl-akwati. *In oltre*, l-appellant inqabad ukoll b'*gripper* f'idejh, u dan meta xehed li nizel fil-garaxx in kwistjoni sempliċiment sabiex jagħmel il-bzonnijiet naturali tiegħu. Meta ġie mistoqsi 'il għala kellu l-*gripper* in kwistjoni fil-pussess tiegħu dak il-ħin, huwa stqarr li kien niżżlu miegħu għax kien użah ftit tal-ħin qabel – spjegazzjoni li ċertament m'għandiex mis-sewwa. Imbagħad kien hemm evidenza ċara fuq is-serratura ta' wieħed mill-garaxxijiet illi kien hemm tentattiv ta' sgass. Illi dawn il-provi probatorji, għalhekk, jippuntaw fid-direzzjoni tar-reita' immaterjalment mill-fatt illi fuq ix-xena tar-reat ma kienx hemm xi marki tas-swaba appartenenti lill-appellant.

Illi din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tinsab moralment konvinta, li l-appellant kien qed jintenta jisraq mill-garaxxijiet in kwistjoni, u li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu ta' PC 1606, kien ikun hemm l-eżekuzzjoni sħiħa tar-reat u għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jilmenta ukoll illi ma setax tirriżulta l-ħtija għat-tieni imputazzjoni u dan għaliex ma kienx hemm biżżejjed provi fl-atti li jindikaw illi l-valur tal-ħsara konsegwenzjali li rriżultat mit-tentattiv tas-serq kien jaqbeż l-ammont ta' €116.47.

Issa huwa minnu illi l-parti offiża ddikjarat li l-ħsara kkaġjonata mill-appellant kienet tammonta għal €77.60 (€50 *labour costs* u €27.60 *locks*) sabiex b'hekk din hija anqas mill-ammont indikat fiċ-ċitazzjoni. Dan ma jfissirx, madanakollu, illi l-appellant għandu jiġi eżonerat mis-sejbien ta' ħtija għal kummissjoni tar-reat. Fil-fatt minn qari tas-sentenza appellata jemerġi illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija għar-reat tal-ħsara volontarja kif imfassal fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema disposizzjoni tal-liġi allura tirrifletti l-valur tal-ħsara kkaġjonata fil-preżenti istanza, sabiex b'hekk din il-Qorti ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni appellata.

**Ikkunsidrat:**

Illi finalment l-appellant mixli bir-reat ta' riċettazzjoni marbuta mas-sejbien tat-tarek ta' reġistrazzjoni misruqa li nstabu fil-vettura tiegħu, jilmenta illi ma setatx tirriżulta ir-reita' għal din l-imputazzjoni ukoll stante illi t-tfittxija li saret fil-vettura mill-pulizija saret kontra l-Liġi billi l-pulizija ma kellhomx mandat ta' tfittxija li kienet tagħtihom is-setgħa jagħmlu din il-perkwiżizzjoni. Għaldaqstant, jikkontendi illi kwalunkwe prova li rriżultat minn din t-tfittxija hija legalment inammissibbli.

Illi jibda biex jingħad illi l-Artikolu 351(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> **"(1)Uffiċjal tal-Pulizija jista', f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku ukoll bi ħlas, jipperkwiżixxi kull persuna jew vettura, jekk ikollu suspett raġonevoli li l-perkwiżizzjoni tista' tikxef il-pussess ta' affarijiet li huma projbiti, misruqa jew akkwistati permezz ta' reat ikun liema jkun, jew li jistgħu jiġu wżati jew li setgħu ġew użati biex isir xi reat.**
>
> "(**2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), il-Pulizija tista' twaqqaf persuna jew vettura sakemm issir il-perkwizizzjoni, u għandha taqbad kull oggett misjub waqt il-perkwizizzjoni u li l-pussess tiegħu jkun projbit jew li jista' jkollu x'jaqsam ma' xi reat."**

Bl-artikolu 352 jipprvodi illi tali mandat minn spettur tal-pulizija huwa meħtieġ meta ma jkun hemm ħadd mal-vettura u ma jkunx possibbli li jinġieb is-sid reġistrat tagħha. Illi l-appellant iddikjara illi l-vettura kienet qed tintuża minnu w ukoll kien preżenti meta seħħet din il-perkwiżizzjoni. Mhux biss, iżda, fuq kollox l-artikolu 353 jiddisponi illi:

> **Ħlief f'każijiet urġenti u meta persuna tinqabad *in flagrante delicto* ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tawtorizza l-perkwiżizzjoni ta' persuna minn uffiċjal tal-Pulizija tas-sess oppost, jew li l-perkwiżizzjoni tkun magħmula minn uffiċjal tal-Pulizija li ma jkunx liebes l-uniformi jekk dan ma jkunx identifikat b'mod ċar bil-wiri ta' karta tal-identità tal-Pulizija.**

Illi minn din id-disposizzjoni tal-liġi għandu jemerġi illi meta persuna tinqabad tikkometti reat *in flagrante* allura l-pulizija illi jinterċettaw il-malvivent għandhom is-

setgħa jipproċedu sabiex jagħmlu dak l-istħarriġ li jkun meħtieġ sabiex jkun hemm il-preservazzjoni tal-provi. L-appellant kien għadu kemm inqabad *in flagrante delicto* jipprova jisraq minn ġewwa garaxx. Fuq persuntu instabet ċavetta ta' vettura li l-appellant saħaq li hija tiegħu. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, il-Pulizija Ezekuttiva li  jkollha suspett raġonevoli li ġewwa dik il-vettura jista' jkun hemm oġġetti misruqa jew affarijiet oħra relatati mas-serq għandhom is-setgħa jagħmlu dawk it-tfittxijiet meħtieġa fl-istħarriġ preliminari li jsir. Dan ifisser illi l-appellant m'għandux raġun lanqas f'dan l-aħħar aggravju minnu ntentat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell l-appellant jitlob ukoll varjazzjoni fil-piena erogata fil-konfront tiegħu, mingħajr, iżda, ma jressaq ebda aggravju formali sabiex jindika lil din il-Qorti r-raġuni li abbażi tagħha huwa ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Il-Qorti għalhekk mhijiex ċertament tenuta li toqgħod tfittex hi xi raġuni li wasslet lill-appellant jitlob tali varjazzjoni, iktar u iktar meta l-piena erogata tkun waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi. Illi lanqas ma tista' il-Qorti tasal għal xi mitigazzjoni fil-piena meta għalkemm issa, fi stadju ta' reviżjoni, laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, rriżulta illi huwa ma għandu ebda xewqa illi jirriforma ħajtu tant illi l-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga kellu jagħlaq il-każ tiegħu mingħajr suċċess. Dan ifisser illi għalkemm l-appellant ingħata għal darb'oħra l-opportunita' li joħroġ mill-ħajja tal-kriminalita', huwa għoġbu jagħti bis-sieq din l-opportunita' aħħarija sabiex b'hekk din il-Qorti ma tista' ssib ebda mottiv li jista' iwassalha titbiegħed mill-piena nflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti u dan anke fid-dawl tal-fedina penali refrattarja tiegħu.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**